*AMMISSJONI*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2002

**Numru: 28**
**Citaz. numru: 1888/01/RCP**

**Vascas Enterprises Limited**

**vs**

**Rita Caligari**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien t'elef u sitt mitt Liri Maltin (Lm8,600), rapprezentanti prezz ta' oggetti tal-fidda mibjugha u kkonsenjati lilha fuq inkarigu taghha stess, kif anki jirrizulta minn numru ta' kambjali debitament iffirmati u

accettati mill-istess konvenuta u li jinsabu hawn annessi u markati DOK. A1 sa DOK A10.

Illi fil-11 ta' Mejju 1999, il-konvenuta irrilaxxat stqarrija mal-Pulizija Ezekuttiva (Dok.B), fejn ammettiet li s-somma hawnhekk mitluba hija dovuta minnha lis-socjeta` attrici;

Illi fi proceduri kriminali kontra taghha l-konvenuta xehdet bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Marzu 2001 (Dok.C1 u C2) u stqarret illi kienet waqghet lura fil-pagmenti taghha mas-socjeta' attrici fl-1996 u s-socjeta' attrici harget il-kambjali hawn fuq imsemmija;

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, iddikjarat fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Rita Caligari, illi mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti "*hu car li dan hu debitu civili li l-imputata tammetti li ghandha thallas....*" (DOK.D1);

Illi l-konvenuta giet diversi drabi debitament interpellata mis-socjeta' attrici, sabiex thallas dan l-ammont ta' tmien t'elef u sitt mitt Lira Maltin (LM8,600) piu' l'imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, izda baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghal din l-istess talba,

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien t'elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm8,600), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

BI-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta tas-17 ta' Jannar 2002 li biha ammettiet t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b’dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien t’elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm8,600), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

BI-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta’ Jannar, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**17 ta’ Jannar, 2002**